# Kappelli fil-Għargħur

Kitba ta' Bertu Aquilina

## IL-KAPPELLA TA' SAN ĠWANN BATTISTA



Il-kappella ta' San Ġwann Battista hija waħda mill-eqdem kappelli li għandna ġewwa Malta. Din il-kappella ġiet mibnija fl-1223 meta xi nies minn Celano li kienu ħaduha kontra r-Re Federiku II u ġew imwarba u ħafna minnhom ġew hawn Malta. Xi ftit minnhom ġew joqogħdu il-Għargħur. Dawn in-nies kellhom qima kbira lejn San Ġwann.

Din il-kappella tmiss eżattament maċ-ċimiterju tal-Parroċċa u fiha ssir quddiesa kull l-ewwel Tnejn tax-xahar. Xi informazzjoni li għandna fuq din il-kappella hi dik li kiteb il-Mons. Baldassare Cagliares fl-1615 waqt il-viżta pastorali tiegħu li kien għamel u qal hekk:- "Din il-kappella li tinsab ġewwa r-raħal tal-Għargħur hi ddedikata lil San Ġwann Battista". Fiha hemm pittura imdaqqsa tal-qaddis qiegħed jgħammed lil Ġesù fix-Xmara Ġordan, hemm lampier, terħa u artal. Hu ordna li l-artal li kien hemm kellu jiġi mkabbar u jsir fl-aħjar forma ta' dak iż-żmien. Il-lampier li kien hemm kellu jiġi mixgħul mill-flus li kienu jagħtu l-fidili li kien jattendu f'din il-kappella. Kien hemm l-obbligu li jiġu ċċelebrati tliet quddisiet fis-sena u dawn kienu: fil-Milied, fl-Għid il-Kbir u fit-tielet Ħadd tal-Pentekoste. Hemm ukoll li kellu jitkanta l-Għasar u ssir quddiesa nhar il-festa tat-twelid ta' San Ġwann, u kienu jinħarqu ukoll xi biċċiet tal-ħwejjeġ bħala tradizzjoni.

Illum f'din il-kappella hekk antika u ta' storja kbira nsibu il-kwadri antiki tal-Via Sagra li huma mpittra, u li qabel kienu fil-knisja parrokkjali. Hemm ukoll il-kwadru l-antik li kellna qabel ġewwa l-knisja parrokkjali u dan jirrappreżenta il-Madonna taċ-Ċintura. Ma ninsewx ukoll il-kampnar iż-żgħir li għandha din il-kappella b'qanpiena waħda żgħira li tismagħha tidwi bil-ħoss irqiq tagħha meta ikun hemm xi funeral fejn tagħti l-aħħar tislima lill-mejjet.

## IL-KAPPELLA TA' SANTA MARIJA TAŻ-ŻELLIEQA

Jekk tkun għaddej b'xi passiġġata ħelwa fl-inħawi tal-Madliena jew Baħar iċ-Ċagħaq u tħares naqra madwarek għandek tara kappella ħelwa ddedikata lil Santa Marija, jew kif inhi magħrufa aħjar għalina li noqogħdu l-Għargħur Santa Marija taż-Żellieqa.



Din il-kappella ġiet mibnija fl-1560 minn waħda xebba li qalet li dehritilha l-Madonna u li kienet fejqitha minn marda li hi kellha. Fl-1615 saret żjara mill-Isqof Baldassare Cagliares u ħalla miktub fir-rapport tiegħu li din il-kappella kellha seba' lampieri u fonti ta' l-ilma mbierek u li kienet miżmuma fi stat tajjeb. Kelha wkoll tliet artali u l-artal prinċipali kienet attrezzat minn kollox. Fuq il-lemin tal-kappella kien hemm artal tat-twelid tal-Madonna u faċċata tiegħu dak ta' Sant' Andrija. Dak iż-żmien kien hemm ċertu bniedem Adrea Grech u dan kellu l-obbligu li jorganizza quddiesa u għasar fil-festa liturġika ta' dawn iż-żewġ artali u kellu ukoll jixgħelilhom il-lampier. Iżda dan għal xi raġuni jew oħra deherlu li ma kellux jagħmel dan l-obbligu li kellu ma' l-artal tat-twelid tal-Madonna u għalhekk wissieh l-Isqof li kellu jaqdi dawn l-obbligazzjonijiet li kellu ma' dawn iż-żewġ artali li kien hemm ġewwa din il-kappella.

Matul iż-żmien il-qima lejn din il-kappella mid-devoti li kienu jżuruha bdiet tikber u għalhekk inħass li din il-kappella hekk devota kellha titkabbar. Fil-fatt din il-kappella reġgħet ġiet mibnija mill-ġdid fl-1650 fuq il-pjanta tal-Perit tant magħruf Tumas Dingli. Il-kappella preżenti hi mżejna bi prospettiva sabiħa ħafna bi skultura stil barokk u fiha induratura tad-deheb sabiħa ħafna.

Il-kwadru titulari hu xogħol prezzjuż ħafna ta' Rokku Buhagiar. Fih insibu l-Madonna tielgħa s-sema mdawra bl-anġli u fejn il-qabar tagħha hemm l-appostli.
Ġo din il-kappella hemm ukoll erba' kwadri li wieħed jirrappreżenta ż-żjara ta' l-anġlu Gabrijel lil Sidtna Marija u l-ieħor tal-Madonna tal-Karmnu u ħdejha fuq kull naħa hemm San Mikiel u fuq in-naħa l-oħra hemm San Xmun, hemm ieħor li fih hemm San Bastjan u Santu Rokku u fil-bidu tas-sittinijiet żdied ieħor li jirrappreżenta lil Madonna bil-Bambin f'idejha u qed tidher lix-xebba ta' l-istorja li semmejna aktar 'il fuq. Dan hu xogħol tal-Kavallier Emvin Cremona. Fl-1954 sajjetta kienet laqtet il-kampnar ta' din il-kappella u għamlitlu xi ħsara imma dan ġie rrestawrat minnufih. Episodju ikrah ħafna kien sar matul il-lejl tas-Sibt u l-Ħadd 12 ta' Frar 1989 meta xi individwu daħal ġol-kappella u ħareġ il-pisidi mimli ostji kkonsagrati minn ġot-tabernaklu u xerridhom fl-art kif ukoll saret ħsara lill-bieba ta' dan it-tabernaklu.
Illum ġo din il-kappella tant devota minn ħafna nies minn madwar ir-raħal fiha ssir il-quddiesa kull l-ewwel Sibt tax-xahar. Ma ninsewx id-drawwa li għandhom ħafna ommijiet li jiġu jippreżentaw lit-trabi tagħhom lill-Madonna fuq l-artal u l-kwindiċina matul ix-xahar ta' Awissu ad unur il-festa ta' Santa Marija mtellgħa s-sema.



**IL-KAPPELLA TA' SANTA MARIJA TA' BERNARDA**

Din il-kappella hi waħda mill-eqdem kappelli li għandna ġewwa Malta u din ħadet l-isem tagħha fl-1571 għax ċertu Bernarda Cauchi ħalliet legat biex imur favur din il-kappella.
L-Isqof Baldassare Cagliares fil-viżta pastorali li kien għamel fl-1615 ħalla miktub hekk fir-rapport tiegħu: Ġewwa r-raħal tal-Għargħur hemm din il-kappella ddedikata lil Marija Assunta u fiha hemm pittura żgħira antika bil-figuri tal-Madonna u ż-żewġ qaddisin San Kosma u San Damjan, terħa u pjaneta minsuġa, gandlieri u lampier faċċata ta' l-artal. Dan ordna li kellha ssir pittura isbaħ u ikbar minn dik li kien hemm. Fl-1655 ċerta Luca Mifsud mill-ġdid kien reġa' bena din il-kappella u dan ukoll kellu l-obbligu kollu tal-festa. Fis-sena 1720, Dun Ġwann Dumink Mifsud beda jagħmel il-festa taż-żewġ qaddisin li hemm fil-kwadru flimkien mal-Madonna li hemm ġewwa din il-kappella u din hi ta' San Kosmu u San Damjan.
Din il-kappella hekk antika ġewwa Malta għandna kampnar żgħir imma m'hemmx qanpiena. Illum din il-kappella tinsab magħluqa għan-nies u fiha mhu qed isir ebda quddies. Din qed tintuża biss biex jitpoġġa xi armar tal-festa ta' San Bert. Ħasra li din il-kappella qiegħda taqa' bil-mod il-mod u ħa tintilef.

**IL-KAPPELLA TA' SAN NIKOLA**

Fl-1575 kien żar din il-kappella ddedikata lil San Nikola, Mons. Dużina li kien sabha bla saqaf u fi stat ħażin ħafna u ta' abbandun u għalhekk kienet ġiet ipprofonata. Mons. Molina jikteb li kienet inbniet fl-1656. Xi żmien qabel mhux ħażin fl-1615 l-Isqof Cagliares kien żar din il-kappella u sabha fi stat tajjeb. Hu qal li fiha kellha pittura tal-qaddis San Nikola u kienet magħmula ġdida, terħa, alba rrigata, paviment tajjeb u lampier mixgħul mill-fidili li kienu jżuru din il-kappella u li ovvjament kien quddiem l-artal.



Il-kwadru ta' din il-kappella nsibu fih il-figura ta' San Nikola, din hi biċċa xogħol artistika sabiħa ta' Gaspare Formica u li għamilha f'nofs is-seklu sbatax.
Fl-1985 din il-pittura kienet ġiet irrestawrata minn Alfred Briffa. Din il-pittura kienet tinsab fis-sala tas-sagristija tal-knisja, għax il-kappella kienet qiegħda tintuża bħala maħżen tal-Ġimgħa l-Kbira biex jintrefgħu il-vari, imma fl-2005 dan l-armar ittieħed ġewwa maħżen ġdid u għalhekk din il-kappella ġiet irrestawrata u issa qiegħda tintuża bħala Kappella ta' l-Adorazzjoni fejn il-poplu tal-Għargħur u n-nies li jkunu għaddejjin viċin din il-kappella jistgħu jidħlu u jżuru lil Ġesù espost.